MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 404/2009

**Bianchi & Bianchi Limited**

**vs**

**Salv. Bezzina and Sons Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u sitta u sebghin centezmu, (€4,658.76), ammont rapprezentanti erba` (4) skadenzi ta' cens ta' elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu, (€1,164.69), kull wahda, dovuti bejn is-27 ta' Ottubru tas-sena 2005 sas-26 ta' Ottubru tas-sena 2009, u dan kif jirrizulta mill-Att Notarili datat 9 ta' Marzu tas-sena 1976 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin, liema ammont**

**baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet lilha maghmula;**

**Bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' kull skadenza kontra s-socjeta` intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata l-20 t'April tas-sena 2010 li permezz taghha irrinunzja ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti izda zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez u l-imghaxijiet;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex is-socjeta` intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` intimata naqset u ma dehritx, la fl-20 t'April tas-sena 2010 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez u l-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------